**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1155/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2021 in segwitu tal-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1659/2021 fl-ismijiet:**

**Tristar Travel Limited**

**vs.**

**Monolith Productions Limited**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tas-soċjeta' rikorrenti s-sekwestrata Monolith Productions Limited ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2021 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant is-soċjeta' esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kap. 12,*

*tordna li jiġi revokat totalment il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-Digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lis-soċjeta' intimata Tristar Travel Limited li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' intimata s-sekwestranta Tristar Travel Limited ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2021 fejn oġġezzjonat għat-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1659/2021 fl-ismijiet **Tristar Travel Limited vs. Monolith Productions Limited**.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fit-8 ta' Novembru 2021 intlaqgħet talba magħmula mis-soċjeta' intimata Tristar Travel Limited għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1659/2021) kontra s-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited u l-ammont sekwestrat kien dak ta' ħmistax-il elf, tmien mija u wieħed Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€15,801.36);

- ir-raġuni għall-ħruġ tal-mandat *de quo* kienet hekk: *"bilanċ ta' prezz ta' servizzi u biljetti tal-ajru kif dedott aħjar fir-Rikors Ġuramentat li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' dan il-mandat."*

- fil-25 ta' Novembru 2021 is-soċjeta' Monolith Productions Limited intavolat ir-Rikors in eżami fejn talbet li l-mandat imsemmi jiġi revokat totalment *a tenur* ta' Artikoli 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, da parte tagħha, fir-Rikors tagħha s-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited:

- tilmenta li ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjeta' intimata Tristar Travel Limited u li kwalunkwe ammont pretiż huwa dovut biss minn soċjeta' oħra bl-isem ta' Hounds of War Malta Limited (ġia' Immortal Transmedia Limited);

- tgħid li: *"fost is-servizzi lis-soċjeta' esponenti rendiet lis-soċjeta' Hounds of War Malta Ltd kien l-ibbukkjar ta' vjaġġi bl-ajru. Pero' dawn dejjem saru f'isem Hounds of Wara Malta Ltd bl-intiża li jitħallsu minn Hounds of War Malta Ltd. Dan jirriżulta minn irċevuta maħruġa mis-soċjeta' sekwestranti favur Hounds of War Malta Ltd fl-1 ta' Settembru 2021 [...]. Kien hemm eċċezzjoni waħda fejn is-soċjeta' esponenti għamlet pagament lis-soċjeta' sekwestranti pero' dan għamlitu bil-volonta' tagħha u bħala self lil Hounds of War Malta Ltd u mhux għax kienet hemm obbligata tagħmel versu s-soċjeta' sekwestranti"*;

- eżebiet sett ta' *email bookings* ta' titjiriet tramite s-soċjeta' Tristar Travel Limited, liema *emails* jingħad li jindikaw biss is-soċjeta' Hounds of War Malta Limited u li m'hemm l-ebda riferenza għas-soċjeta' Monolith Productions Limited.

Illi, minn naħa l-oħra, fir-Risposta tagħha s-soċjeta' intimataTristar Travel Limited tgħid li:

- hija agenzija tal-ivvjaġġar li pprovdiet servizzi ta' prenotazzjoni u riżervazzjoni għall-biljetti tal-ajru lis-soċjeta' Monolith Productions Limited għall-klijenti tagħha sabiex iwassluhom mill-Amerika għall-Malta;

- il-kwistjoni tirrigwarda bilanċ dovut lilha (Tristar Travel Limited) għas-servizzi msemmija, liema bilanċ huwa fl-ammont imsemmi fil-mandat in eżami;

- fir-rigward tal-ħruġ tal-fatturi, hija (Tristar Travel Limited) imxiet fuq l-istruzzjonijiet mibgħuta mis-soċjeta' Monolith

Productions Limited stess permezz ta' *email* li ġiet annessa mar-Risposta;

- il-fatturi annessi mar-Rikors odjern tas-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited huma fatturi ta' titjiriet ġewwa l-Unjoni Ewropea jew *European Economic Area* u għalhekk ġew ffatturati lis-soċjeta' Hounds of War Malta Limited;

- l-ammont ġia mħallas mis-soċjeta' rikorrenti ta' ħmistax-il elf u mija u erbgħin Euro (€15,140) kien ukoll fatturat lill-istess soċjeta' rikorrenti, liema ammont jingħad li tħallas mingħajr problemi.

**Ikkunsidrat**

Illi, kif ingħad diversi drabi fi proċeduri simili bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li f'dan l-istadju l-Qorti tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-mandat.

Illi *di fatti* fil-provvediment mogħti fid-29 ta' Lulju 2005 fil-proċeduri **Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju bin-Numru 494/2005 maħruġ fil-21 ta' Marzu 2005 fl-ismijiet Therese Mangion Galea vs. Desmond Stanley Stewart** (Rikors Numru 336/2005), il-Qorti qalet:

> "Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv."

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tas-sub-Artikoli li taħthom li qed jiġi mitlub li l-mandat in eżami jiġi revokat u mingħajr ma tazzarda tidħol fil-mertu ta' kwalunkwe kwistjonijiet li jeżistu bejn is-soċjeta' rikorrenti u s-soċjeta' intimata, il-Qorti tinnota li minn eżami *prima facie* li għamlet, kemm tal-inkartament tar-Rikors odjern u kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1659/2021, ma jirriżultax, a kuntrarju ta' dak li tisħaq is-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited, li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' rikorrenti u dik intimata. Dan qiegħed jingħad, fost l-oħrajn, minħabba li jidher li kien diġa tħallas ammont mis-soċjeta' rikorrenti wara li dan l-ammont kien fatturat lilha.

Illi fir-Rikors in eżami s-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited titlob li jiġi revokat totalment il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1659/2021 u dana *ai termini* ta' Artikoli 836(1)(d) u 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:
(L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv):
Illi, għajr għal dak li ngħad aktar il-fuq, fir-Rikors tagħha s-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited ma tressaqx aktar argumenti *per se* għala qed tgħid li l-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1655/2012 fl-ismijiet Edward Vella vs. Charles Deguara** (Rikors Numru 1111/2012) fejn ingħad hekk:

> "Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandux bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel

> ma' l-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[1].
>
> Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx ta' bilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[2]".

Illi, meħud in konsiderazjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited ma ressqitx argumenti biżżejjed in sostenn tat-talba tagħha sabiex il-mandat in eżami jigi revokat *ai termini* ta' Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk sa fejn it-talba tas-soċjeta' rikorrenti hija bbażata fuq is-sub-Artikolu msemmi, din ser tiġi miċħuda.

<u>Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli)</u>:
Illi, kif ingħad fir-rigward tat-talba sabiex il-mandat jiġi revokat *ai termini* ta' Artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għajr għal dak li ngħad aktar il-fuq, fir-Rikors tagħha s-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited ma tressaqx aktar argumenti *per se* għala tgħid li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

---

[1] Ara P.A. RCP 29.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Mercieca vs. George Galea**.
[2] Ara, per eżempju, PA GV 6.12.1999 fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farrugia noe vs. Exalco Holdings Ltd**.

Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-21 ta' Diċembru 2012 fil-proċeduri **Fl-Att tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1255/2012 fl-ismijiet C & F Building Contractors Limited (C 15308) vs. Alfred Baldacchino Limited (C 10418)** (Rikors Numru 945/2012) fejn il-Qorti spjegat is-segwenti:

> "Din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat issa m'għadux il-każ."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak appena kwotat u tagħmlu tagħha. L-argumenti tas-soċjeta' rikorrenti Monolith Productions Limited ma jurux li nbidlet xi ċirkostanza minn meta nħareġ il-mandat in kwistjoni u għalhekk it-talba għal revoka tal-mandat taħt dan is-sub-artikolu ser tiġi miċħuda wkoll.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tas-soċjeta' rikorrenti eżekutata is-sekwestrata Monolith Productions Limited hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjeta' rikorrenti eżekutata Monolith Productions Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**